# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 7 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**vs**
**Omissis**

**Drogi Numru 113/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Marzu 2021 ghall-habta ta' 21:00hrs gewwa Hal-Ghaxaq kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. f'l-istess lok, data, hin u cirkostanzi garr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju.

Il-Qorti giet titratta lil Ransdon Debono bhala recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat.

Illi aktar minn hekk hadet in konsiderazzjoni l-eta ta'l-imputat, li ghadu minorenni u l-fatt li minn meta sehhew ir-reati in ezami r-relazzjoni ta'l-imputat mal-genituri tieghu tjiebet u ghandu l-appogg taghhom fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 37, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel u ghat-tielet imputazzjonijet u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht **Ordni tal-Probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghtoi kontestwalment, u ghat-tieni imputazzjoni tikundannah **ammenda ta' erbghin Euro (€40.00).**

In oltre l-Qorti:

- b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tissospendi lill-imputat minn kwalunkwe licenzja taht l-istess Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**
- b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tikkonfiska s-sikkina esebita bhala parti minn Dok DC1**; u
- qed tordna **d-distruzzjoni tas-sustanza u oggetti l-ohra kollha esebiti bhala Dok DC1,** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**